## QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech, LL.D., Mag. Jur.(Int.Law)**

*Kumpilazzjoni Numru 56/2013*

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Johann J. Fenech)**

**-vs-**

**Maria Concetta Vella, bint Carmel u Jane nee` Meilaq, imwielda n-Nadur, Ghawdex fit-28 ta' Gunju, 1964, residenti fil-fond 'Grima', Flat 5, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 25464G**

Illum 7 t'Awissu, 2020

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Maria Concetta Vella** u cioe` talli :

> F'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' Gunju, 2011, u z-zmien ta' qabel din id-data:
>
> Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga heroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni id-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern

> skont id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
>
> Il-Qorti giet mitluba tittratta mal-imputata bhala wahda li saret recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta/Ghawdex);
>
> Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artiklu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija nhar l-20 ta' Settembru, 2019, permezz ta' liema dawn l-atti processwali gew rinvjati lill-ewwel Qorti sabiex tiddetermina il-kaz hi mill-gdid, kif ukoll il-verbal moghti nhar is-27 ta' Settembru, 2019, minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat li dawn il-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Regghet semghet numru ta' xhieda kif ukoll tat opportunita` lill-imputata sabiex, minkejja li fl-ewwel proceduri ghazlet ma tixhiedx, f'dawn il-proceduri - la darba kienu ser jigu determinati mill-gdid - taghti x-xhieda taghha w tipproduci xhieda in difeza.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputata.

Ikkunsidrat:

**L-Ispettur Frank Tabone** xehed kif nhar is-27 ta' Gunju, 2011, fis-6:45pm gie rappurtat li nstab kadavru f'residenza il-Fontana. Id-*decujus* kien Oman Galea. Tfittxija fil-fond rrizultat fis-sejbien t' siringi u oggetti ohra relatati ma abbuz ta' droga eroina. Stqarrijiet mehuda ta' Jethro Camilleri u Steven Durward gew kkonfermati quddiem il-Magistrat Coppini fid-29 ta' Gunju, 2011.[1] Durward

[1] Fol.191-192

kien stqarr li Galea kien qed jixtri droga minghand certu Maria Concetta Vella, u kien mar mal-pulizija gewwa Marsalforn minn fejn gew elevati zewg pakketti, suspettati eroina, li Durward kien stqarr kienu nxtraw minghand Maria Concetta Vella.[2]

**L-Ispettur Johan Fenech** spjega kif wara li fis-27 ta' Gunju, 2011, Oman Galea instab mejjet fir-residenza tieghu, fejn anke nstabu oggetti relatati mal-abbuz tad-droga fosthom *foils* u *sachets* b'xi tracci, saret inkjesta magisterjali. Kellem xi hbieb tal-mejjet taht *caution,* fosthom lil Steven Paul Durward[3] u lil Jethro Camilleri, li semmew li Galea seta' xtara droga minghand Connie Vella, l-imputata. Din giet arrestata filwaqt li tfittxija fid-dar taghha rrizultat fin-negattiv. [4]

Vella giet mitkellma w cahdet li kellha x'taqsam mal-mewt ta' Galea jew li bieghet droga. Sahqet li kienet *clean* u lil Oman kienet tirrispettah. Ikkonfermat mal-ispettur li Oman kien jabbuza mid-droga, kienet tghinu, issajjarlu w gieli anke flus taghtu.

L-istqarrijiet moghtija minn Durward u Camilleri gew kkonfermati bil-gurament quddiem il-Magistrat Coppini.

**Waqt li kien qed jirilaxxa l-istqarrija quddiem il-Magistrat Coppini, Durward semma' kif darba fost l-ohrajn wara li ra lil Galea jixtri d-droga minghand Vella, mar fuqu, staqsieh xi xtara, u dan tah is-*sachets* f'idu. Ghalhekk mar jahbihom go hajt. Hekk kif l-ispettur sema' b'dan, ordna tfittxija ghalihom minnufih u dawn is-*sachets* fil-fatt instabu.[5]**

**PS1407 Frankie Portelli** xehed kif fit-28 ta' Gunju, 2011, wara li arresta lill-imputata, saret tfittxija fil-vettura taghha, fir-residenza taghha u dik t'ommha fi Triq tac-Cawla. Dawn kollha rrizultaw fin-negattiv. [6] Gie kkonfermat minnu il-**Current Incident Report** relattiv.[7] Dan ir-rapport gie konfermat wkoll minn PS644 Jason Xerri, l-ufficjal li dahhal l-okkorrenza.[8]

---

[2] Fol.192
[3] Fol.13
[4] Fol.14
[5] Fol.15
[6] Fol.212. Vide
[7] Fol.212. **Dok.FP1** a fol.214 et seq.
[8] Fol.217

**Stqarrijiet tal-Imputata**

Interrogazzjoni fil-mori tal-investigazzjoni

Ma tqajjmet l-ebda eccezzjoni rigward l-ammissibilita` tal-istqarrija tal-imputata. Izjed minn hekk, l-imputata meta tixhed *viva voce*, terga' tikkonferma dak li stqarret fl-interrogazzjoni taghha.

Giet esebita l-istqarrija tal-imputata[9] fejn fiha semmiet li tul l-ahhar sena kienet qed tghix ma certu Steve Camilleri, tillar residenti l-Mosta. Ghandha vettura VW Polo hamra FBR472. Minn mindu dahlet il-habs ma kienitx ghadha tiehu droga. Fl-ahhar jiem kienet tkun biss ghand ommha u god-dar taghha. Tohrog l-iktar biex tikri DVDs ghat-tifel ta' Steve Camilleri li kien jghix maghha.[10] Tirrisjedi ghand ommha Tac-Cawla, Victoria, peress li fid-dar taghha gewwa Marsalforn taghmel hafna shana.[11] Lil Oman Galea tafu ghax kien jitkellem mal-*ex-partner* taghha fuq droga. Saret tafu sew tant li stiednitu ghandha flimkien ma habib tieghu darbtejn, sitt xhur qabel. Filwaqt li meta mar jiekol ghandha deher *"too fit"*, erba' gimghat qabel ma miet mar ghandha izda suritu nbiddlet. Stqarr maghha li *"rega' waqa'"*, talabha ghas-sigaretti w flus izda sigaretti biss taghtu. Tichad li bieghet droga lil Oman ghaliex wara li harget mill-habs ma rieditx terga' tispicca gewwa. Jirrizulta li Galea instab mejjet fil-jum tat-Tnejn, u hi tghid li l-ahhar kuntatt mieghu kien meta cemplilha l-Gimgha w qalilha li ha jcempel izjed tard ghax kien sejjer jiekol mat-tfajla izda ma cempilhix.[12] Tichad li kienet taghmilha ta' spiss ma Galea pero` tghid li darba taghtu *lift* minn fuq *bus-stop* f'Marsalforn u darb'ohra ratu t-Tigrija. Ittemm l-istqarrija taghha *"Jiddispjacini ghalih imma jien wissejtu kemm il-darba biex ma jiehux"*.[13]

Stqarrija Guramentata rigward Joseph Bajada

Gie esebit Kopja tal-**Proces Verbal No.52/2009** li jirrigwarda investigazzjoni dwar pussess u traffikar ta' droga minn Joseph Bajada maghruf bhala l-Leslies, fejn fil-25 ta' Novembru, 2009, fejn Maria Concetta Borg (detentrici tal-Karta tal-Identita` 25464G) volontarjament irrilaxxat stqarrija guramentata.[14] Jirrizulta ghalhekk li din hi l-istess imputata f'dawn il-proceduri.

---

9 **Dok.JF1** a fol.17-19

10 Fol.17

11 Fol.17-18

12 Fol.18

13 Fol.19

14 Fol.196

F'dik l-istqarrija Maria Concetta xebba Borg, semmiet li l-*partner* taghha ghall-ahhar 12 il-sena kien certu Joseph Bajada maghruf bhala il-Leslies. Mill-2008 sa Mejju, 2009, ghamlet 10 xhur habs u meta harget qalet lil Bajada li ma rieditx ikollha x'taqsam aktar ma dik il-hajja, u wissietu li seta' jdabbar rasu l'hemm jekk kien ser ikompli f'dik it-triq. Kien Bajada li kien il-*main supplier* taghha ghall-eroina li kien itihilha ghall-uzu taghha bla hlas.[15] Rat lil Bajada ibiegh droga darbtejn fl-2008 u ta' sikwiet hu kien jikkonsma d-droga. Gewwa darha hadd ma mar jixtri droga minghandu. Ghal xi tlett xhur, bejn 2007-2008, kienet tixtri droga minghand certu Charles Mifsud, "il-Kajsu", li anke kien jheddidha. Xtrat anke minghand certu Grezzju Spiteri, "il-Hanzira", li jghix tac-Cawla u li l-ahhar li xtrat minghandu kien fl-2007.[16] Dan kien ibiegh eroina w kokajina. Gewwa darha qatt ma sabet droga milli kien ibiegh Bajada.[17] Minhabba f'Bajada tilfet il-kuntatt ma binha u familtu. Baqghet mieghu ghalkemm taf bit-tahwid tieghu minhabba li hi wahedha w hu kien ta' kumpanija ghaliha; tibza minnu wkoll ghax tissawwat minnu w anke ghamlet rapport dwaru.[18]

F'dak il-process verbal hemm ukoll stqarrija rrilaxxata nhar l-24 ta' Novembru, 2009[19] li fiha ssemmi dak li kkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr. Anthony Ellul. Fiha tikkonferma li meta klijenti kienu jmorru d-dar ta' Bajada biex jixtru d-droga, kienet tara l-pakketti tal-eroina ghaddejjin minn idejh ghal ghandhom; dawn kien ibieghom bil-LM5 jew LM10.[20]

**Stqarrijiet Guramentati ta' Zewg Xhieda**

Gie esebit il-**Process Verbal Numru 236/13** redatt mill-Magistrat Dr. Paul Coppini dwar il-mewt ta' Oman Galea.[21]

Fil-kors tal-inkjesta magisterjali bosta huma dawk ix-xhieda li taghhom ittiehdet ix-xhieda jew taw stqarrija guramentata. Tenut kont li din l-inkjesta tirrigwarda l-mewt ta' Galea, il-Qorti ser tkun qed tikkunsidra biss dawk il-provi li jinciedu fuq il-mertu tal-imputazzjonijiet li tinsab addebitata l-imputata, u cioe` dik ta' traffikar ta' droga.

---

15 Fol.202
16 Fol.203
17 Fol.204
18 Fol.204
19 Fol.206-208
20 Fol.208
21 **Dok.JA1** a fol.31 et seq.

**Jethro Camilleri** kkonferma quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-istqarrija[22] li rrilaxxa lill-pulizija. Fiha jistqarr li *"Oman stess qalli li kien rega' beda jiehu darba fil."*.[23] Ikompli, *"Naf li kien qed ikun ma certu wahda Connie....minn mindu dahal ir-ragel il-habs beda jmur jghinha fil-qadi, u anke gieli telghatu Malta, u krietlu xi lukanda, u anke dahhal id-droga eroina lejn Ghawdex...Dan nafu ghax qalli hu, Oman, u **qal ukoll li kienet ittih pakkett eroina b'xejn kuljum**...ilu jghamilha maghha minn meta r-ragel ta' Connie dahal il-habs....Jiena dan l-ahhar, daqs hmistax ilu kont narah jidhol fil-karozza ta' Connie u jkellimha",*[24] izda **qatt ma raha taqdih**. Fil-bidu kien qallu li ma kienx jinqeda ghad-droga minghand Connie. **Camilleri jiddikjara li hu stess kien jixtri drogi minghand Connie** ***"dan ilu qabel ma dahal il-Lesliz il-habs".***[25]

B'**dan Camilleri jimplika direttament lill-imputata li kienet tbieghlu d-droga!**

Meta kien qed jikkonferma bil-gurament din l-istqarrija, Camilleri jzid *"jiena ghamilt zmien nixtri d-droga minghand il-partner li kellha qabel din Connie. Dan kellu laqam il-Leslies…**dik il-habta Connie kienet tkun mieghu meta dan kien ibieghli d-droga**[26] **…**.kont immur m'ghand dan il-persuna, Joseph Bajada, u **hi kienet tkun hemm**hekk, u **darba ukoll kont tac-Cawla li giet taqdini hi, quddiem il-hanut**[27]**... ilu ilu sentejn**, …..qisu ghal Gunju, Lulju…..mhux tas-sena l-ohra, ta' qabel [2009]….ehe"*[28]. Ghall-pakkett ta' eroina kien ihallas €20. Jiddikjara li kien dakinhar biss li xtara droga direttament minghand l-imputata u li z-zmien meta din kienet tkun mal-Leslies, meta xtara minghandu d-droga, kien fl-istess zmien u cioe` Gunju, Lulju, tal-2009.[29]

B'hekk **fix-xhieda quddiem l-Inkiwrenti jerga' jikkonferma li kien xtara droga minghand l-imputata fl-2009!**

**Steven Paul Durward** wkoll irrilaxxa stqarrija[30] li sussegwentement giet ikkonfermata quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Fiha jsemmi li Oman *"had been hanging around with Connie from Marsalforn …. **I would see Oman lean into Connie's car, give her money and Connie giving him packets made of foil. I've noticed this deal at least twice**. I also warned Connie that I would be speaking to the Police about all this."*. Dan kien sehh xi tlett gimghat qabel wara l-flat tieghu

---

[22] **Dok.A** a fol.54 et seq.
[23] Fol.54
[24] Fol.55
[25] Fol.56
[26] Fol.57
[27] Ibid.
[28] Fol.58
[29] Ibid.
[30] **Dok.C** a fol.62-64

gewwa Marsalforn; *"the second time was in the Marsalforn car park."* Oman kien qallu li kienet eroina.[31]

Meta ikkonferma din l-istqarrija u muri ritratt fil-PIRS ta' certu Maria Concetta Borg b' I.D. 25464G,[32] l-imputata, Durward iddentifikaha bhala l-istess Connie li ghamel riferenza ghaliha fl-istqarrija tieghu:[33]*"I say again* ***that this is the person who used to supply Oman with drugs".***[34] Rigward id-drabi li skond hu ra lill-imputata tghaddi drogi lil Oman jghid *"Two (2) times that I've mentioned I saw them personally cause I was walking the dog at the car park and I saw them going to Marsalforn, go to the car,…..the window, give him the money, she passes the silver packets and that's when I told her….And I warned her twice".* Meta wissieha, *"She left, she left….She left because she said "Oman won't back your story up". That's what she said to me…. She laughed at me because she said Oman would not back my story up."*[35]

**Sejbien tad-droga fil-hajt**

Mitlub jindika z-zmien meta raha tghaddi pakketti tad-droga lil Oman jwiegeb *"**About three (~3) weeks, about three (~3) weeks ago it was…I took it off him, I took two (2) off him,** and I took them in the car parkin Marsalforn…joints of the drug….two (2) I took from him….packets, silver packets. Because he told me he took….I took it off him, and I took it off him and I put it….Yeah I checked them. I put them and checked them and…there….[Inspector Frank Tabone: Can you come with us?] …Oh yeah, it should still be there".*[36]

Fil-fatt fuq ordni mill-Pulizija waqt li kienet ghaddejjha l-inkjesta magisterjali, li quddiemha kien qed jikkonferma l-istqarrija moghtija lill-pulizija, **Durward akkumpanja lill-pulizija fil-parkegg ta' Marsalforn, fejn instabet id-droga li kien semma' li heba** f'hajt tal-parkegg wara li hadhom minghand Oman Galea.

**PC883 Paul Azzopardi** xehed kif hu, PC1371 u Steve Deward [*recte:* Durward] niezlu fil-parking ta' Marsalforn fejn Steve allega illi halla zewg *sachets* go xaqq tal-hajt tas-sejjieh fil-parking area: *"Morna hemmhekk fuq il-post…hemmhekk eh <u>irrikonoxxa l-post fejn kienu u **sibnihom hemmhekk fil-post li semma huwa**</u>. Qalli,*

[31] Fol.64
[32] **Dok.B** a fol.61
[33] Fol.65
[34] Ibid.
[35] Fol.66
[36] Fol.67

*gol-hajt. Xaqq go hajt."* Dawn kienu jikkonsistu f' *sachets go foil;*[37] gew elevati w esebiti fl-inkjesta.[38]

**PC1371 Alfred Grech** spjega kif kienu xi 9.15pm tad-29 ta' Gunju, 2011, meta Durward, quddiem il-Magistrat Inkwirenti, ftakar li kien heba zewg *sachets* li hadhom minghand Oman u wera' li kien lest jiddentifika l-mohba. Meta marru fuq il-post mieghu, ***"wara li fittixna ftit fil-hajt kien hu stess illi sabhom dawn iz-zewg sachets u wzajna turnavit biex gbidnihom lura u huwa gharaf li kienu l-istess zewg sachets li hu kien ha minghand Oman."***[39]

Durward rega' xehed u kkonferma li zewg *sachets* fil-*foil* murija lilu, kienu l-istess li ha minghand Oman, *"the day I had seen him leaning through the window of Connie's car, passing the money and….* ***the two(2) packets he received, which I took off of him after, and I placed them in Marsalforn car park because I didn't want him to have them****, and we've just been back to find them again, they were still there….about three (~3) weeks ago….".*[40]

Fuq inkarigu tal-Magistrat Inkwirenti dawn is-*sachets, li gew mmarkati bhala 'Dok.E',* gew mghoddija lill-Ispettur Tabone biex jikkonsenjahom lill-Ispizjar **Mario Mifsud** ghall-analizi.[41] Fir-rapport tieghu Mifsud jikkonkludi li f'dawn is-*sachets* li *"kienu separatament imgezwra go bicciet ta' foil"*[42]instabu tracci tas-**sustanza eroina fl-ammont ta' 0.24grammi b'purita` ta' 18.7%**.[43]

Jigi sottolinejat mill-ewwel tenut kont li l-abbli difiza tissottometti li mhemmx prova li dak li gie analizzat minn Mifsud kienet id-droga mghoddija lilu fl-inkjesta tramite l-Ispettur Tabone, li fuq l-*envelope* deskritt minnu fir-rapport tieghu li fih kien hemm dawn is-*sachets*, hemm immarkat mhux biss **'Dok.E'** izda indikati fuq l-istess envelope bil-firem taghhom hemm firem tal-istess zewg ufficjali, bhala r-*receiving officer* u *d-delivery officer*!! Dan ikkonstatu din il-Qorti personalment meta ezaminat l-esebit in kwistjoni.[44]

**Altru` ghalhekk li ma hemmx dubbju li kien 'Dok.E' li gie analizzat mill-Ispizjar Mifsud.**

---

37 **Dok.E** a fol.78
38 Fol.74
39 Fol.75
40 Fol.76
41 Vide verbal a fol.78
42 Fol.115
43 Fol.117
44 **Dok.MM1** esebit mar-rapport tal-espert Spizjar Mario Mifsud.

**Jethro Camilleri** xehed *viva voce* f'dawn il-proceduri. Jispejga li ghalkemm ghal xi zmien Oman hareg mill-problem tad-droga, dan kien rega' beda juza tul l-ahhar sena, sena w nofs l-*ecstasy* u l-*eroina*. Mitlub jghid fejn jaf l-imputata, hu riluttanti ghall-ahhar u jevita jwiegeb id-domandi, b'differenza ghal dak li sehh quddiem il-Magistart Inkwirenti Dr. Coppini fil-kors tal-inkjesta.[45] Jghid li Oman kien jiffrekwenta l-imputata, biex jaqdiha ghal xi bzonnijiet.[46]

Il-Qorti, mhux kif preseduta, intebhet b'din ir-riluttanza w ghal diversi drabi rriferiet lix-xhud ghall-istqarrija li kien taha quddiem il-Magistrat Coppini.[47] Ix-xhud gie mwissi dwar konsegwenzi ta' twegibiet foloz.[48] Camilleri jahrab mid-domandi u jghid li ma jiftakarx meta mistoqsi dwar dak li hu stqarr f'dik ix-xhieda u cioe` li fil-passat kien jixtri drogi minghand l-imputata.[49] Jixhed li Oman qallu li jixtri droga minghand Connie izda dan hu ma kienx rah b'ghajnjeh.[50] Meta gie moqri lilu dak li kien qal, u cioe` li hu stess kien jixtri minghand il-Leslies fil-presenza tal-imputata w li f'okkazzjoni ohra **xtara direttament minghandha,** jghid li minn meta xehed fl-2011 bdew ituh il-*blackouts* kawza tax-xorb u ma jiftakarx dak li qal![51] Jghid li l-prezz ghall-pakkett eroina kien ta' €20-€30 izda jigi mfakkar lilu li Omar kien semmielu kif Connie kienet taghtih pakkett eroina b'xejn kuljum.[52]Ghalkemm jikkonferma li kien qallu b'dan Oman, ma jiftakarx li kien semma' dan il-fatt mal-pulizija meta rrilaxxa l-istqarrija![53]

**Turija cjara li hu biss fuq l-istqarrija elokwenti tieghu, karatterizzata bi twegibiet mexxejja, moghtija quddiem l-awtoritajiet investigattivi w il-Magistrat Inkwirenti li din il-Qorti ghandha tistrieh.** Stqarrija li kuntrarjament ghall-okkazzjonijiet meta Camilleri xehed fil-kumpilazzjoni, ma kienx hemm prezenti l-imputata.

Camilleri gie riprodott in kontroezami, issa fl-2017, 6 snin wara li kien irrilaxxa l-istqarrija guramentata. Jibda biex jghid li ma jiftakarx jekk qatt xtarax droga minghand l-imputata.[54] Jevita d-domandi tal-Qorti dwar il-fatt li ghalkemm illum ma jiftakarx, **meta xehed kien aktar qrib dak li sehh, qal il-verita` u *"jien nipprova nghid il-verita` kemm nista' Ghalhekk niehu gurament".***

---

[45] 178-179
[46] Fol.179
[47] Fol.180
[48] Fol.183
[49] Fol.180-181
[50] Fol.182
[51] Fol.184
[52] Fol.185
[53] Ibid.
[54] Fol.245

Jixhed li jista' jkun li l-imputata kienet prezenti meta xtara d-droga izda *"minghandha personali ma niftakarx li xtrajtha minghandha personali"*.[55] Ftakar li kien qal li qatt ma raha taqdi lil Oman, sinjal li Camilleri hu **sellettiv** hafna f'dak li jiftakar li kien xehed dwaru snin qabel!! Fil-fatt filwaqt li jsemmi li Oman u Connie kienu jiehdu hsieb xulxin, issa jiddikjara li mhux cert jekk meta Oman semmielu li jixtri droga minghand certu 'Connie', kienx qed jirreferi ghall-imputata,[56] kif jista' jkun ukoll li ma ndikalux x'tip ta' droga kien jixtri![57] Jasal biex jghid li Galea seta' kien qed jirreferi ghal persuna maskili maghrufa bhala 'Connie', ghalkemm jikkoncedi li dan tal-ahhar ma kienx jabbuza mid-droga.[58]

Interessanti r-risposta li jaghti Camilleri meta jigi mistoqsi mill-ufficjal prosekutur jiftakarx xtarax droga minghand Connie, u dan minghajr ma jissemma mill-istess ufficjal xi percentwali ta' certezza li ghandu jkollu fit-twegibiet minn tieghu; kliem li jfakkar lill-Qorti f'dikjarazzjonijiet kostanti li ghamel Durward, habib kbir ta' Jethro, meta l'hin kollu jsemmi *"hundred per cent"*. Camilleri ghad-domanda maghmula jwiegeb *"Mija fil-mija? Li ahna fil-Qorti rridu nghidu mija fil-mija le."*[59]

**Dan iwassal lill-qorti tikkonkludi li b'diskors simili dawn iz-zewg xhieda ppruvaw jimmilitaw kontra w ixejjnu dak li xehdu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, meta kienu kategorici ghall-ahhar u implikaw lill-imputata direttament fi traffikar ta' droga.**

Kif ser jintwera' aktar il-quddiem, anke Durward meta jixhed ghall-ahhar darba in kontro-ezami fuq talba tal-imputata, fil-bidu jiehu din it-triq fejn juri lilu nnifsu bhala incert izda, **u biss wara numru ta' domandi serrati minn din il-Qorti, jsemmi fatti li ma kienx semma' qabel;** fatti li mhux ta' b'xejn wassluh jiddikjara li raha lil Oman jiehu droga minghand l-imputata, ghaliex hekk biss setghu jfissru! Fil-kamp penali mhix mehtiega c-certezza assoluta, izda l-konvinzjoni morali!

Riprodott ghall-darba ohra in kontro-ezami, issa quddiem din il-Qorti kif preseduta f'Jannar, 2020, ix-xhud jerga' jibda billi jkun ferm evaziv fir-risposti tieghu meta mitlub jikkonferma dak li xehed tlett snin qabel fl-2017 u cioe` li ra lil Oman jixtri droga minghand l-imputata, *"Sa fejn naf jien qatt ma kienet hemm…Li kienet hi, hi, ma nahsibx"* izda jibqa' ma jsemmix allura minn kien ikun hemm u minn fejn kienet tinxtara d-droga – indikazzjoni li mhux qed ikun

[55] Fol.246
[56] Fol.247
[57] Fol.248
[58] Ibid.
[59] Fol.249

veritjier ghaliex jiftakar dettalji u mhux ohrajn![60] **Jigi mfakkar li fl-istqarrija mehuda fl-2011 kien kategoriku w indika specifikatament li kien xtara droga minghand l-imputata!!**

Ix-xhud hu riluttanti immens milli jixhed u jghid dan: *"Inti taħseb li jekk jiena nsemmi xi affarijiet mhux ser tiġi kontrija bħalma diġà qed jiġri l-kliem ġo Għawdex. Le! Jien għandi familja……[Il-Qorti: Qed tibża' għalhekk jaqaw.] Ix-xhud: Jiena għandi familja ….. X'inhi l-verità? li tinxteħet fuq dan Joseph Bajada?... U l-istorja ħa tikber!".*[61] Kien hawnhekk li x-xhud deher il-hin kollu jhares u jindirizza t-twegibiet tieghu lill-imputata, li kienet qed tghaddi kummenti f'vuci gholja tant li l-Qorti ordnat li din thalli l-awla.[62]

Malli l-imputata harget mill-awla, ix-xhud rega' gie mistqosi minn kien jbieghlu droga w dan jikkonferma *"Kien hemm ħafna nies li kont ninqeda…. Li kienet ma' nies, iva… Kienet tkun ma' nies, iva…… [Dr Angele Formosa: Joseph Bajada il-Leslies.] Ix-xhud: Mingħandu, iva, kont ninqeda ovvjament, f**k it!".* Jghid li Connie kienet tkun mieghu meta kien jinqeghda minghandu ***"Gieli, probabbli".***[63] Kien jiltaqa' mal-Leslies fuq barra w Connie kienet tkun mieghu ghax kienet il-mara tieghu.[64]

Ix-xhieda ta' Camilleri tkompli, u daqstant iehor ikompli jkun evaziv u jmeri dak li stqarr mal-pulizija w li sussegwentement ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Coppini:

*Il-Qorti: …. fl-istqarrija li irrilaxxajt lill-Ispettur Johann Fenech inti stqarrejt li kont tixtri d-droga mingħand Connie qabel ma daħal il-Leslies il-ħabs. X'ridt tgħid biha?"*
*U inti weġibt hekk:* ***"Li hi kont mmur m'għand dan il-persuna, Joseph Bajada, u hi kienet tkun hemmhekk u darba wkoll kont taċ-Ċawla li ġiet taqdini hi quddiem il-ħanut."*** *Mela fuq dik, inti qed tgħid ċar u tond il-post taċ-Ċawla, il-ħanut, l-ewwelnett x'ħanut hu?*
*Ix-xhud: X'ħanut hu, jien għidt taċ-Ċawla.*
*Il-Qorti: Quddiem il-ħanut. Taċ-Ċawla l-ħanut jew l-area qed tgħid hawnhekk?*
*Ix-xhud: Taċ-Ċawla, ma nafx, mhux l-area tgħid kont insemmi? Taċ-Ċawla mhux ħanut wieħed hemm…..*
*Il-Qorti: Sinjur jew tiftakar jew ma tiftakarx1*
*Ix-xhud: Ma niftakarx sew Sinjura.*
*Il-Qorti:* ***Inti gdibt lill Maġistrat dak iż-żmien?***

---

[60] Fol.349
[61] Fol.350
[62] Ibid.
[63] Fol.351
[64] Fol.352

*Ix-xhud: Le.* ***Mhux qed ngħid għax gdibt. Hemm differenza bejn tigdeb u ma tiftakarx x'ġara bl-eżatt.***
*Il-Qorti: Għalhekk, dik id-domanda. Illum għadda ż-żmien. Minn dakinhar għaddew kważi disgħa (> 9) snin. Jiġifieri inti dakinhar* ***meta għidt dawn l-affarijiet kienet aktar friska f'moħħok, nassumi, hux hekk? Ma kontx qed tigdeb inti.***
*Ix-xhud:* ***Għalfejn għandi nigdeb jien****".*[65]

Camilleri jikkonferma li dan sehh **f'Gunju jew Lulju, 2009**. Jiftakar li qal li kien fiz-zmien li hareg mill-*home arrest*, u jishaq li quddiem il-Magistrat Coppini ma gidibx ghalkemm ried jitlaq il-barra.[66]

Il-biza li tikkaraterizza x-xhieda ta' Camilleri tirrizulta mis-segwenti estratt:

*"Dr Angele Formosa: Nixtieq nistaqsih fuq Oman. Dan id-droga li kien jieħu hu, taf minn fejn kien iġibha din id-droga?*
*Il-Qorti: Kien jgħidlek? Ħalliha jekk kienx veru jew le, x'kien jgħidlek hu. X'kien jgħidlek hu? Mhux jekk hux veru jew le.*
*Ix-xhud:* ***Jien ma nafx qattx semmejt ismijiet imma <u>mhiniex lest li se nerġa' nsemmihom.</u>***
*Il-Qorti: Le, le, le! Jekk qed issaqsik,*
*Ix-xhud: … …*
*Il-Qorti: Le, ħa ngħidlek, inti toqgħodx tinkwieta –*
*Ix-xhud:* ***U x'ma ninkwetax! U jien xħin noħrog minn hawn hekk ninkwieta, Sinjura, bir-rispett kollu, xħin noħroġ minn hawnhekk –***
……
*Il-Qorti: Qatt qallek Oman li xtraha, li kienet tagħtihielu?*
*Ix-xhud: Aħna konna nkunu flimkien. U jien ilni naf lill-Oman minn ta' tlettax (13) il-sena, tajjeb!*
*Dr Angele Formosa: Jaħasra l-mistoqsija hija sempliċi!*
*Il-Qorti: Sempliċi!*
*Ix-xhud: Sempliċi.*
*Il-Qorti: Qatt qallek hekk hu li kienet tagħtihielu Connie? X'qallek hu dan. Inti ma tafx jekk hux veru jew le.*
*Ix-xhud:* ***X'kienet tagħtih ma nafx. Hux veru jew le ma nafx. Kien ikun għandha kuljum.***
*Il-Qorti: Kien ikun għandha kuljum.*
*Ix-xhud: Dik ma għandhiex x'taqsam. Hi lilu kienet tħobbu. Dik diġà għidt jien.*
*Il-Qorti: Iva. Hekk hu. Però hu lilek qatt qallek? Għax jista' jkun, ismagħni, dan kulħadd iħobbu, imma jekk jiena jkolli xi ngħid, pereżempju, irrid niddixxiplina lil uliedi, ngħidilhom, ngħajjat xi għajta magħhom biex dawn imorru jgħidu lil xi ħadd li*

[65] Fol.352-353
[66] Fol.355-356

*qbadt intihom bl-addoċċ, x'qalu huma, ma jfissirx li hekk hu. Issa, li qed insaqsik hu, jista' Oman – ?*
*Ix-xhud: Lilha le.*
*Il-Qorti: X'inhi?*
*Ix-xhud: Lilha le.*
*Il-Qorti:* ***Hu ma semmhiex li kienet ittihielu hi.***
*Ix-xhud:* ***Mhux li niftakar. Mhux li niftakar****.*
*Il-Qorti: Ma tiftakarx li qatt qal li tathielu hi.*
*Ix-xhud:* ***Ma niftakarx le****.".*[67]

Il-Qorti setghet tikkonstata l-biza li nhakem minnha x-xhud Camilleri meta gie mitlub jikkonferma dak li stqarr quddiem il-Magistrat Inkwirenti; rat il-harsiet kontinwi tieghu lejn l-imputata maghduda mad-dikjarazzjonijiet tieghu li jibza' ghall-familtu w kien qed jinkwieta dwar dak li seta' jigri wara li jkun xehed, ***"Jien ma nafx qattx semmejt ismijiet imma mhiniex lest li se nerġa' nsemmihom……….. xħin noħroġ minn hawnhekk".***[68]

**Steven Paul Durward** gie riprodott fl-2016, ghalhekk hames snin wara li kien xehed fl-inkjesta magisterjali li saret dwar il-mewt ta' Galea. Ikkonferma stqarrija li rrilaxxa lill-pulizija[69] li wara kkonfermaha wkoll quddiem Magistrat.[70]Ikkonferma wkoll dak li xehed fl-inkjesta[71] kif ukoll li l-persuna "Connie", li jsemmi f'dik l-istqarrija, kienet l-imputata.

Durward imbghad jghaddi biex jghid, *"I'm not one hundred percent sure that this is true, to what I said, to what I said that day and to what I have accused Connie of doing. It's not all true as in I can't be one hundred percent sure hand on my heart that that it is honest. At the time I lost my friend, I was very angry…I wanted to blame the woman that I believed put him in his grave. It was very very fresh in my mind and they were very close and I was angry at the time I wanted to blame someone."*[72]Wehhel fiha ghaliex maghha biss kien ikun Galea, *"She was the one who I personally blamed….Because they were known to be around together, they were known to be doing drugs together at the time that's why."*. Oman kien qallu li kien jiehu droga flimkien ma Connie.[73] Personalment qatt ma rahom jikkunsmaw droga flimkien.

Jikkjarifika dak li kien stqarr meta qal li ghal darbtejn ra lil Connie tghaddi pakketti tal-*foil* lil Oman ma kienx ezatt: *"when I made the statement on the day and*

[67] Fol.356-357
[68] Fol.356
[69] Tinsab a fol.62-64
[70] Fol.229
[71] Xhieda a fol.65-67
[72] Fol.230
[73] Fol.231

*I'd seen him lean into the car, I didn't see the deal, I didn't see which way it went….I saw him leaning in and going into the car".*[74] F'dik ix-xhieda kien anke qal li ra lil Oman jghaddi flus lil Connie izda ma jiftakarx li qal dan *"I can't be one hundred percent sure, today if you want me to be honest, a hundred percent, I can't say that I saw him giving her money".* Dakinhar kien semma' wkoll li **ra lil Connie tghaddi pakketti tal-*foil* lil Oman** u jghid: *"I can't be one hundred percent honestly sure that it's correct the way I said it … .it's not in my mind one hundred percent. I was just so angry that he died that I wanted it to be one hundred percent and I wanted to blame. But this was five years ago".*[75] Rigward id-dikjarazzjoni tieghu li rah javvicina t-tieqa tal-vettura taghha w jghaddielha l-flus, jerga' jinsisti li mhux mija fil-mija cert. Jghid li meta wissieha biex ma tkomplix, ghamel dan ghax ma riedx lil Galea jidhol f'xi inkwiet minhabba *"she was just bad influence"*u Galea kien jinfluwenza ruhu malajr; hi kienet hafna ikbar minnu w influwenti.[76]

Izda ghalkemm fil-kors tax-xhieda jaghti l-impressjoni li minn dak li kien stqarr quddiem l-inkwirenti mhux cert minnu, meta jigi mistqosi dwar *silver packets* li kien stqarr li hadhom minn fuq Oman, ***"I took it off him and I put it…"*** **jikkonferma li dawn kien fihom eroina *"They contained heroin".*** Oman ma kienx qallu minn fejn gabhom ***"No** he said they were his".* Ma jeskludix li seta' kien Oman li ghadda l-pakketti lill-imputat *"I can't be one hundred percent on my heart that it was that way round. It could have been Oman. Oman had a reputation but I couldn't believe that it was Oman doing wrong. In my eyes it was Connie who was doing wrong, not Oman."*[77] Naqas ukoll milli jiftakar li kien ra dan isehh madwar tlett gimghat qabel ma kien taha dik l-istqarrija.[78] Itenni li peress li mhux cert mija fil-mija ma jridx igib lil hadd fl-inkwiet u jghid li kien qal dak li qal peress li ried jivvendika ruhu minn mewtu w kien rrabjat hafna. Kien stieden ghandu lil Connie u l-partner taghha Steve u qatt ma ra xi tehid ta' drogi gewwa daru. Minn dak li jaf hu, fix-xhur qabel mewtu, Oman ma kienx imur ghand Connie.[79]

Riprodott in kontro-ezami fl-2017, sitt snin wara l-istqarrija guramentata li ghamel, inqratlu x-xhieda tieghu *viva voce* (a fol.230) meta kien qal li ma kienx cert 100% dwar dak li kien qal fl-istqarrija ghax ried iwahhal f'xi hadd ghall-mewt ta' Galea, Durward ikompli li meta ghamel l-istqarrija *"I was angry, very angry at the time, like Connie was all the time with Oman so I blamed Connie….".*[80] Ikkonferma li xehed *viva voce* rigward li qatt ma ra lil Oman jghaddi flus lil Connie, *"I could not see into the car an actual deal going on.* ***I just saw him after***

[74] Fol.232-233
[75] Fol.235
[76] Fol.235-236
[77] Fol.236-237
[78] Fol.237
[79] Fol.238
[80] Fol.250-251

***when he was in the house when I found….. on him****. So which way the deal went I cannot be sure….or taking the gear, no I don't know which [way] was it happening sorry".*[81] Jghid li qed jiehu lura dak li qal fl-istqarrija ghaliex jgharraf li dak iz-zmien ried bilfors iwahhal f'Connie *"but to be honest I cannot be a hundred percent no more".*[82]

In ri-ezami jixhed li ried iwahhal f'Connie ghax Oman dejjem kien ikun maghha. Ghal Oman Connie kienet *"more of a mother figure".* Ghalkemm qatt ma ra taghti lil Oman drogi *"I knew things were going on but I did not see it. Not myself…. everyone wanted the blame to go to Connie ….. I did not invent anything up. At the time it is what I believed to be true, I did not invent it up. I did not make a story up. What I have seen I have seen. But I cannot say which way it happened….".* Ikompli *"I did not say I had seen a deal. I have seen something going on….".*[83]

**Ghal din it-twegiba tinqara lilu silta fejn, cjar u tond, kien qal li ra lil Oman jersaq lejn il-vettura tal-imputat, jghaddilha flus u hi taghtu pakketti tal-*foil. "That is what I thought, yes. I did yes".* Jikkonferma li dan sehh xi tlett gimghat qabel bit-tieni okkazzjoni li ra dan l-ghemil ikun fil-parkegg ta' Marsalforn: *"Yes. I had believed it to be true. I do not remember all of it off by heart no…[I remember] only because I can see it now yes… ….At the time I gave the statement I believed it to be the truth yes".*[84]** Ikkonferma li dan l-statement gie guramentat quddiem il-Magistrat Coppini.[85]

Simili ghal Jethro Camilleri, habib tieghu, meta Durward jixhed *viva voce* ivarja d-dikjarazzjonijiet li kien ghamel mal-pulizija w li gew kkonfermati minnu bil-gurament. Dak li qabel ghalih kien cert minnu, issa jiddubita` fih. Izda anke fil-kors tac-cahdiet tieghu, tad-dikjarazzjonijiet msewwsa minn dubbji li jaghmel quddiem il-Qorti, ma jistax jahrab minn dak li verament ra b'ghajnejh meta jiddeskrivi li wara li kien ra lil Connie tghaddi droga lil Oman, **malli Oman wasal id-dar ghandu, hadlu pakketti tal-*foil/silver* minn fuqu**! Jinsisti li meta xehed quddiem l-Inkwirenti qal il-verita` dwar dak li fil-fehma tieghu ra isehh!

**U mhux biss hekk seta' kien u mhux mod iehor! Kieku Oman ghadda hu d-droga lil Connie, d-droga ma kienitx tibqa ghandu w johodha mieghu d-dar ta' Durward!**

Riprodott ghall-darba ohra in kontro-ezami quddiem din il-Qorti kif preseduta, f'Jannar, 2020, Durward jinsisti li meta ra din it-transazzjoni kien ghaddej bil-

[81] Fol.251
[82] Ibid.
[83] Fol.253
[84] Fol.255
[85] Fol.256

kelb u *"I was like walking and looking. Not one hundred per cent I can't say which way the exchange was going."*[86]. Kien xi **2 metri il-boghod** meta raha lil Oman *"leaning into"* l-vettura ta' Connie *"At the time I didn see exactly what happened. Because I kept walking, when I got home. Oman was home by then….my apartment."*[87]

Ghall-ewwel jibda jispjega li kull ma ra kien pakkett zghir hafna tal-*foil* izda ma jistax jghid min ghaddieh lil min. Jiddikjara li rah **fil-pala miftuha ta' idejn Oman** – indikazzjoni li kienu ghadu kemm rcevieh ghax altrimenti, kieku kien Oman li ghaddieh lil Connie, **ma kienx ser izomm idu miftuha u l-*foil* kien ikun f'idha mhux f'idejn Galea!**

Imbghad ikompli billi jaghti dettall iehor importantissimu li ma kienx semmieh qabel: ***"Obviously, he closed it [the open palm]….yes he closed it…then walked away….I didn't see an exchange, the actual exchange of money".***[88]

Il-Qorti temmen li <u>kieku x-xhud ried jinkolpa lil Vella</u>, ma kienx ser izomm lura milli jghid li rahom jikkunsmaw flimkien, li ra flus jghaddu bejniethom! Dan jimmilita versu l-kredibbilita` tieghu w l-veracita` tax-xhieda tieghu fejn ghalkemm <u>imbezza mill-fatt li ma jridx jinkrimina persuna</u>!

Ikompli joffri aktar dettalji li ma kienux hargu f'verzjonijiet precedenti u kien biss <u>wara li din il-Qorti inisistiet ghall-aktar dettalji</u> li jemergu dawn il-fatti. Jispjega li meta ra il-*foil* **"It was already in Oman's hand"**[89] u jzid *"Obviously, he closed it …yes, **he closed it…Then walked away**".*[90]

Ix-xhud ikompli jiddeskrivi dak li assista ghalih:

*"The witness: The exchange, I can't enlighten. **He took something,***
*The Court: He took,*
*The witness: **He jumped out** and …*
*The Court: He jumped out with his hand and moved away.*
*The witness: Yes.*
*Dr Angele Formosa: Jumped out from where?*
*The witness: Not jumped out like jumped out. **He was happy with what he had received. I assumed he was happy with what he had received.***
*The Court: So you saw him as if his gesture was that of a person having received something.*
*The witness: Something, yes.*

86 Fol.359
87 Fol.360
88 Fol.361-362
89 Fol.362
90 Ibid.

*Dr Angele Formosa: So how do you distinguish between a gesture of a person receiving something and a person showing something?*
*The witness: I do not know the difference from when he is either happy with what he has got, or. There is a difference –*
*Dr Angele Formosa: Two different reactions as if something has happened.*
*The Court: As a person who knew Oman, you are concluding that* ***he had just received that.***
*The witness:* ***Yes. Yes.***
*The Court: You made a very distinctive****, pulling away that is closing his arms and pulling away.***
***The witness: Yes.***
***The Court: Here the witness is indicating the arm positioned in right angles closing the fist and moving away.".***[91]

L-istess manuvra li ssir **meta bniedem jircevi f'idejh oggett**!

Durward jiddeskrivi kemm Oman kien ihobb lil Connie tant li kien jghajtilha "Mum", izda hu kien jipprova jbeghdu minnha peress li: *"Connie was in that scene, that scene of drugs and badness. I never personally seen [anything bad happening]. They would never do anything because they knew my opinion. Nothing was ever done in front of me and they met, they would always meet secretly, they would never let me know they were meeting or anything…. used to see the mess he used to be back home me."*. Oman ma kienx jinnega li kien ikun maghha meta kien jirritorna d-dar *"in a mess";* mieghu kien hafna attent xi jghid.[92] Jikkonferma li Oman kien jghidlu li hu kien ihobb lil Connie bhala ommu w hi kienet thobbu bhala binha.[93] Mar jiekol ghandha darbtejn jew tlieta.[94] Ix-xhud jghid li mhux kull darba li kien ikun ma Connie kien imur lura fi stat hazin.

Jispjega dak li sehh wara li kien ra lil Oman ma Connie fil-parkegg ta' Marsalforn, meta Omar rritorna d-dar ghandu.

*"The witness: That was the second time, it was the time when I seen in the car parking, then* ***when Oman came back to the house.***
*The Court: That same occasion.*
*The witness: The same occasion.* ***I took from him then two (2) packets I have seen in his hands.***
*The Court: Two (2) packets they were.*
*The witness:* ***Two packets there was, yes.***
*The Court: So when he opened his hand there were two (2) packets.*

---

[91] Fol.361-363
[92] Fol.364-365
[93] Fol.366
[94] Fol.369

*The witness:* ***Two (2) packets.***
*The Court:* ***In foil?***
*The witness:* ***Yes.***
*Dr Angele Formosa:* ***When you went back home and you said that you took these packets from him, so you went home and took these two packets from him, is that what you are saying now?***
*The witness:* ***Yes……***
*Dr Angele Formosa: Was there some sort of conversation between you two about these two (2) packets when you got home? What was the conversation which you had with Oman when you were discussing these two (2) packets when you got back to the house?*
*The witness:* ***I asked him where he got them from. I said, "you just took them from Connie in the car park where I have just seen you!".***
*Dr Angele Formosa: So you told him –*
*The Court: You confronted him with that fact.*
*The witness: Yes, yes.*
*The Court: And what was his reply?*
*The witness:* ***He denies. No****.*
*The Court: He just said no.*
*The witness: Yes."*[95]

**Korrettissimu kien Durward meta jasal ghall-konkluzzjoni li Vella ghaddiet droga lil Galea. Kif qatt seta' jkun mod-iehor meta ra b'ghajnejn dan kollu w dak li deherlu gie mghoddi minnha lil Oman instab fuq l-istess Oman meta rriorna d-dar ghandu?!**

Durward imbghad jixhed dwar dik li ghalih kienet l-ewwel okkazzjoni meta ra transazzjoni fuq droga bejn Oman u Connie. Kien rahom hdejn l-apartament tieghu f'Marsalforn xi gimghat jew xahar qabel it-tieni okkazzjoni, izda ma kienx ra flus jew droga jghaddu fl-idejn u kien assuma li hekk gara minhabba konversazzjonijiet li kien ikollu ma Oman:

*"The witness: Similar to the car park, but I didn't see nothing in the hands. He is in the window again talking through the window, the same scenario in the car parking.*[96]*…………………*
*The witness: Conversations I used to have with Oman. Everytime he was either messed up or he was going late to meet Connie he would always come back in a mess, always. I did say to her on occasions, "You need to stop. He looks up to you, he thinks you are the mother, stop, you are leading him the wrong way."*
*The Court: What did she reply?*
*The witness:* ***She just laughed****.*
*The Court: She laughed. Didn't she try to deny it?*

[95] Fol.367-368
[96] Fol.379

*The witness: She said she is a good mother, at one time. I have seen the good side to her. There was the good side.*
*The Court: When you confronted her, and asked her to stop telling him drugs, what was her…?*
*The witness:* ***They laughed, they laughed like it is a big joke.***[97]*…….*
*The Court: Ok. And when you mentioned you were eating rabbit and you mentioned that she should stop supplying him with drugs, you said she laughed. One can laugh because the suggestion is preposterous or ludricous.*
*The witness: Look, I do not know what I am talking about. Laugh, "pfffff".*
*The Court: Like that.*
*The witness: A mocking sort of.*
*The witness: Yes. Like Oman loves me more than he loves you, and "what do you know!" kind of*
*The Court: If someone comes up to me and tell me to stop dealing in drugs I would be appalled, shocked, at the suggestion.*
*The witness: No.*
*The Court: Was there anything of the sort?*
*The witness: No. no, no.*
*The Court: Or else I can tell you "don't be ridiculous!"*
*The witness: There was no denials, there was no –*
*The Court: No denials.*
*The witness: No denials. No.* ***There was no denial, there was no*** *…".*[98]

Din is-silta tkompli tindika l-veracita` tal-verzjoni tax-xhud, fejn dak li hu ta' Connie, jtihulha! Ma jiddejjaqx issemmi li f'okkazzjonijiet kienet iggib ruha sew, taghmel il-gid. Kif lanqas ma zejjen il-verzjoni billi jghid li ra flejjes ghaddejjin fiz-zewg okkazzjonijiet; li ra lill-imputata tghaddi droga lil Oman anke fl-ewwel okkazzjoni. Kif mhux dejjem li Oman kien ikun ma Connie, kien jirritorna fi stat hazin!

Altru` li Durward – <u>kuntrarjament ghal dak li tissottometti d-difiza fin-nota finali taghha – ma kienx qed jipprova jaggevola lill-prosekuzzjoni</u>!![99] Ix-xhieda ta' Durward quddiem il-Qorti, mqassma fuq diversi drabi mifruxin bi snin bejniethom, kienet karatterizzata minn tqanzieh, reticcenza w dubbji gratwiti. Kien biss meta din il-Qorti dahhlet fil-fond u nsistiet ghall-deskrizzjoni tal-ghemil li deher jaghmel Oman meta kien mal-karozza tal-imputata, li johorgu dettalji importanti li jispjegaw ghaliex fl-istqarrija moghtija lill-Pulizija u lil Magistrat Coppini, Durward kien daqshekk kategoriku!

[97] Fol.370-371
[98] Fol.379
[99] Fol.552

Wara kollox din l-ahhar verzjoni nghatat fil-kors tal-ahhar testimonjanza tieghu wara li kienet l-imputata li issa li b'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, il-kaz kellu jigu determinat mill-gdid, talbet li dan jerga' jixhed. Zgur ma kienx ippjana dan kollu Durward!

Durward jammetti li kien jiehu drogi fil-passat *"many years ago"* fejn anke mar il-Habs u spontanjament jghid li mhux habba drogi biss izda anke fuq vjolenza. Minn hawn tkompli tohrog l-kredibbilita` tieghu, tal-veracita` tax-xhieda tieghu, fejn jammetti ghall-passat kriminuz tieghu, anzi jaghti aktar dettalji u jghid li kien il-habs anke minhabba vjolenza.

Bhala *user* kien jista' jinduna meta persuna kienet qed tuza drogi![100] Daqstant iehor ma jsibx ezitazzjoni jikkonferma li kien f'cirku ta' hbieb li kienu jabbuzaw mid-droga u jerga' jtenni *"I can tell yes when people do drugs, yes"*.[101] Jaf li Jethro u Oman kienu jabbuzaw mid-droga, izda quddiemu ma sar xejn minn dan: *"Jethro to my knowledge wasn't selling drugs….using, yes….. Jethro, to my knowledge, was also trying to help Oman, as much as they were both at the time using. He wouldn't be giving it. In my opinion, he wouldn't be giving it. No"*.[102]

Ix-xhud jispejga ghaliex kien wahhal f'Connie: *"I came to this conclusion because* ***the occasions that I have seen was from Connie, when I have seen him in the mess after and I just put not two and two together, I knew….. Convinced, convinced is the word, yes convinced."***.[103]

L-imputata **Maria Concetta Borg** ghazlet li tixhed. Cahdet l-akkuza u stranament tghid li *"Jiena l-parking ta' Marsalforn qatt ma mort"*, dan meta *"Kont nghix Marsalforn"*, u teskludi li lanqas passeggjata ma qatt ghamlet lill'hemm *"X'ha mmur naghmel"*. Setghet ghaddiet minn hdejn il-pub 'Creek' u tmur tiekol il-Menqa.[104] Qatt ma ghaddiet droga lil Oman li habbitu daqs binha.[105] Ltaqghet ma Oman meta bejn l-2007-2008 kien mar ikellem lil ex-partner taghha, Joseph Bajada.[106] Oman kien jiftah qalbu maghha w kien jaqdiha. Stephen Durward kellu pussess fuqu,[107] Tiddeskrivi li *"Qata' d-droga. Il-persuna tkun tidher, Your Honour. Kien jgħaddi għandi, jgħidli, "mum, għandek bżonn xi ħaġa mill-ħanut?". Imbagħad ġieli tmajtu. Ġieli xtrajtlu s-sigaretti. That's all there was to it. Offrejtlu wkoll il- bedroom. Imma mbagħad darba minnhom jiena bdejt noħroġ ma' ċertu Steve*

[100] Fol.374-375
[101] Fol.376
[102] Fol.377-378
[103] Fol.379
[104] Fol.385-386
[105] Fol.385
[106] Fol.386
[107] Ibid.

*Camilleri mill-Mosta, miegħu kont meta ġew jarrestawni lili, ġew, kont għand il-mummy, u xħin ġew jiġbruni jiena lanqas kont naf li Oman miet għax kont ilni ma narah fuq xi xahar. Għax kien iċempilli l-aħħar xahar, għax kien tela' qabel għandi u rajtu għolob. F'illi bodybuilder bħat- tifel tiegħi, u f'illi ntefa' qisu skeletru fuq il-mejda tal-ikel tiegħi u kien hemm Steve Camilleri as well, mill-Mosta. Ma nafx għaliex ma telgħax jixhed Steve Camilleri jiena. U għamel idejh hekk u naralu idejh hawnhekk kollha labar. Right?.....Jiena għax kont nistmah bħat-tifel tiegħi, qisni qbadt idi u tajthielu hekk on the nape of his neck. Għidtlu "għalfejn erġajt għamilt hekk?!"*[108] Il-partner taghha, Steve ma riedx li Oman imur aktar ghandha minhabba l-vizzju tad-droga. Issemmi li qalilha li rega' waqa' ghad-droga meta qabad lil Jethro jaqlibilu ma' Steve. Issostni li Steve kien jibghat lil Oman jipprostitwixxi ruhu.

Madanakollu il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li minkejja li Durward u Camilleri taw ix-xhieda taghhom in <u>kontro-ezami diversi drabi</u> quddiem din il-Qorti, <u>lanqas domanda wahda li hi wahda ma saritilhom bil-ghan li jigi sostanzjat dak li tixhed dwaru</u>.

In kontro-ezami tixhed li Oman kien imur ghandha mat-tlett darbiet fil-gimgha, jara kellhiex bzonn xi haga mill-hanut. Tichad li dak iz-zmien kien jabbuza mid-droga. Qabel ma miet ma kienitx ratu ghal xi xahar u fuqhom.[109] Issemmi li certu Robin qaltilha li Oman kien jabbuza minn diversi sustanzi u hi kienet tahdem ghalih u ttieh il-flus.[110] Tispjega kif kienet thobb titla' ghal *weekend breaks* Malta u darba haditu maghha.[111] Mhux minnu li marru Malta biex jixtru l-eroina. Darba ltaqghet mieghu bil-vettura taghha Marsalforn meta ratu fuq *bus-stop* u taghtu *lift* izda ma tiftakarx jekk kienx fis-sajf peress li maghha dejjem kien ikun hemm Steve Camilleri. Risposta li ma taghmel ebda sens kif difficilment jinfthiem li tmur *weekend break* ma persuna zaghzuha li jigi binha!

Fi tmiem ix-xhieda taghha terga tkun kategorika u tichad li kienet tbiegh droga *"Jien intih il-pakketti bid-droga! mela jien kont inbiegħ!"*.[112]

**Steve Camilleri** jixhed li ilu jaf lill-imputata mill-2011 u kien ilu maghha kwazi sena. Kienu jabitaw f'Marsalforn.[113] Oman kien il-partner ta' Steve Durward u kien jaghmel il-*body building.* Lill-imputata Oman kien isejhilha "Ma"; kienu qishom omm u iben. Darba Durward u Galea marru jieklu ghandhom.[114]

[108] Fol.387
[109] Fol.389
[110] Fol.390
[111] Fol.391
[112] Fol.393
[113] Fol.530
[114] Fol.531

Durward kien jghannaq lil Connie u Oman kellu kunfidenza zejda maghha.[115] Iktar il-quddiem induna li Galea kien qed jiehu d-droga, irqaq u kien anke illetika maghha fuq hekk.[116]Fiz-zmien li kien jghix ma Connie kien jghix maghhom anke ibnu ta' xi ghaxar snin.[117]Il-hargiet taghhom kienu biex jikru DVDs u jmorru ghand ommha.[118]Kienu jqattghu hin twil ghand ommha u l-hin kollu kienu jkunu flimkien.[119]In kontro-ezami x-xhud la hu kapaci jghid meta bdiet u lanqas meta ntemmet ir-relazzjoni mal-imputata.[120]Jiftakar li kienu ghadhom flimkien fil-jum li fih l-imputata giet arrestata wara l-mewt ta' Galea. Jixhed li meta kien ghadu mal-imputata ma kienitx tiehu droga.[121] Meta kien jafu hu, Galea kien *clean*.[122]Ix-xhud jinsisti li kien ikun dejjem fil-kumpanija tal-imputata.[123]

L-abbli difiza talbet li jigu esebiti l-fedina penali aggornata ta' Camilleri u Durward[124] kif ukoll ghaddiet biex pprezentat ghadd ta' sentenzi[125] moghtija fil-konfront ta' dawn iz-zewg xhieda; sentenzi li ssir riferenza ghalihom fl-imsemmija fedina penali.

Madanakollu ma jirrizulta xejn gdid minn dak li kien gja sar maghruf f'dawn il-proceduri fejn Camilleri ammetta li kien jabbuza mid-droga w affaccja proceduri fejn anke kien mizmum taht 'house arrest'. Mill-banda l-ohra, meta Durward gie mistoqsi kienx jabbuza mid-droga, ikkonferma dan bla tlaqliq. L-istess Durward li meta mistoqsi jekk kienx fil-passat gie kundannat dwar drogi, spontanjament izid li minbarra kundanni fuq drogi instab hati fuq vjolenza.

Dawn is-sentenzi, mhux talli bl-ebda mod ma jista' jinghad li jservu biex jiskreditaw lil dawn iz-zewg xhieda, izda jservu sabiex juru li bhala *users* huma stess, kienu f'posizzjoni jiddeterminaw li Oman kien qed jabbuza mid-droga; il-frazi Ingliza ***"it takes one to know one"*** tinkwadra perfettament!

---

[115] Fol.532
[116] Fol.533
[117] Fol.535
[118] Fol.535-536
[119] Fol.536
[120] Fol.536
[121] Fol.537
[122] Fol.538
[123] Fol.539
[124] **Dok.JFZ** u **Dok.JFZ1** a fol.398 505
[125] **Dok.AF** a fol.506-529

In-Nota ta' Sottomissjonijiet

L-imputata gie koncess lilha li taghmel nota ta' sottomissjonijiet. Il-Qorti ma tsitax ma tirrimarkax dwar din in-nota estensiva, li minbarra riferenza ghall-provi prodotti, diversi huma l-istanzi fejn **insinwazzjonijiet da parti taghha jinghataw is-sembjanza ta' fatti pruvati**.

Bil-ghan li tigi mxejjna w mwarba ix-xhieda ta' Camilleri u Durward, timbarka fuq ghadd ta' **hsibijiet, suspetti u kongetturi** li dwarhom, u minkejja li nghatat bosta opportunitajiet taghmel dan fil-kors tan-numru ta' okkazzjonijiet meta dawn xehdu, **tibqa' ma tissostanzja xejn mqarr remotament!**

Il-Qorti temfasizza li **d-difiza ssir permezz ta' provi fl-istadju opportun u mhux b' kongetturi maghmula fil-kors ta' sottomissjonijiet finali! Kongetturi li jibqghu ma jigux kkoroborati bl-ebda mod!!** Dan taghmlu l-imputata bil-ghan li, minkejja li ma gabet lanqas l-icken prova fir-rigward, tattakka l-kredibilita` taz-zewg xhieda okulari Jethro Camilleri u Steve Durward, bis-segwenti allegazzjonijiet, li jiqghu biss allegazzjonijiet:

a). Issemmi li Durward ghamel messa in xena li wasslet sabiex jinstabu is-*sachets* fil-hajt tal-parkegg f'Marsalforn u dan bil-ghan li jimplika lill-imputata w jiskolpa lilu nnifsu?

> Izda kif seta' jkun dan jekk bl-ammissjoni tieghu, dan ha fil-kontroll tieghu zewg pakketti eroina ghal tlett gimghat shah!! Mal-mument li gew f'idejh hu kellu l-pussess taghhom; ma remihomx izda hbiehom – azzjoni li zgur ma tghinux ghaliex jekk ma riedx lil Oman jehodhom, kellu jarmihom mill-ewwel! Il-Qorti tqis li bix-xhieda tieghu Durward kien qed jitfa' dell pezanti fuqu nnifsu!

b). Vella, fin-nota taghha, issemmi kif kien Camilleri li sab lil Oman mejjet ferm qabel ma kienet sabitu ommu, *"x'aktarx kien dan Jethro li sabu mejjet u kien jaf ferm qabel ma sabitu ommu"*[126] u li Durward u Camilleri *"x'aktrax kienu diga jafu li Oman kien miet u ma reidux jattiraw l-attenzjoni lejhom bl-ebda mod u raw kif ghamlu biex dahhlu lil omm Oman…biex tkun hi li taghmel rapport l-ghassa"*.[127]

> Allegazzjoni li ma tigi sostanzjata lanqas b'ombra ta' prova; allegazzjoni li wasslet ghaliha semplicement ghax kienu jkunu fil-kumpanija ta' xulxin. Fatt li fil-fehma taghha ghandu jservi biex jattakka l-kredibbilita` ta' dawn iz-zewg xhieda; zewg xhieda li quddiem il-Qorti jixhdu bi

[126] Fol.548
[127] Fol.553

**tqanzieh u bis-sulluzzu w mhux ta' xhieda li kienu miftehmin fuq dak li kellhom jixhdu!**

c). Inkreddibilment tkompli izzid id-doza: *"Mela t-tezi tal-imputata hija li Stephen Durward u anke Jethro kienu jafu li Oman kien mejjet"*[128]……

Kliem ulterjuri fir-rigward hu superfluwu tenut kont li dawk il-fatti pruvati sal-grad mistenni mill-imputata li jwassalha ghal din it-"tezi" jibqa' mistur u misteru!

d). L-abbli difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet minn taghha tattakka l-kredibbilita` ta' Durward minhabba dawk li skont hi huma inkonsistenzi. Tasal sahansitra biex tallega li Durward *"hass pressjoni biex jaggevola il-prosekuzzjoni"!!*[129]

**Dikjarazzjoni li l-Qorti ma tikkondividi bl-ebda mod** kif gja gie muri aktar il-fuq fejn il-Qorti kellha gja` okkazzjonijiet taghmel l-osservazzjonijiet taghha fir-rigward!

Ghall-kuntrarju l-Qorti tqis li fejn Durward seta' kellu dubbju, zghir kemm kien zghir, improbbabbli kemm kien improbbabli, hu stqarr daqstant!

Kien dan l-animu tieghu meta jasal jaghti xhieda li tvarja minn dik moghtija quddiem il-Magistrat Coppini. Meta jixhed quddiem din il-Qorti, kif preseduta, jaghti ragunijiet ghaliex wasal jixhed kif xehed. Dak li l-Qorti tqis li ghamel Durward, (simili ghal Camilleri issa li kien qed jixhed quddiem u fil-presenza tal-imputata), kien li jipprova jtaffi l-impatt tad-ikjarazzjonijiet tieghu, jnaqqas id-doza tal-konsegwenzi ta' dawk id-dikjarazzjonijiet izda minghajr ma jimminahom ghall-kollox!

**Ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, issa kif preseduta, u senjatament il-mod kif zvillupat u zvolgiet, hu propju dak li jikkonvinci lill-Qorti mill-veracita` taghha.**

Quddiem din il-Qorti jixhed bi tqanzieh u bis-sulluzzu. Persuna li trid tinkolpa ohra u taggevola l-prosekuzzjoni, mhux ser izomm lura milli taghmel dan mill-bidu nett u bla ezitazzjoni. Zgur li sussegwentement mhux ser tipprova tikkontradixxi lilha nfisha u taghti verzjonijiet ohra

[128] Fol.553
[129] Fol.552

sabiex jimminaw l-verzjoni moghtija *a tempo vergine* kif gara f'dan il-kaz, jekk veru trid tagevola lill-prosekuzzjoni!

Bit-tezi tad-difiza kollox gie pjanat minn Durward, anke li l-imputata kienet ser issejjahlu jixhed wara li l-appell taghha jigi milqugh u l-atti jergghu jintbghatu l-ewwel qorti biex tiddetterminahom mill-gid. Ma jistax ikun mod iehor bit-tezi kemmxejn illogika ssottomessa mill-imputata. Dan qed jinghad tenut kont li kien **biss** meta Durward xehed quddiem **din il-Qorti kif preseduta fl-2020**, wara li l-atti ntbghatu lura lill-ewwel qorti **fuq ordni tal-Qorti tal-Appell Kriminali,** li hargu dettalji importantissimi dwar dak li ra jsehh quddiem ghajnejh fil-parkegg ta' Marsalforn. Qatt qabel ma kien dahal f'dan id-dettal Durward. Qatt qabel ma semma' ghaliex kien konvint li ra lil Vella tghaddi droga lil Galea.

Mela Durward kellu d-don tal-profezija? Kieku daqshekk kienu hbieb hu u Camilleri, kif allura Camilleri jibqa' jevadi milli jikkonferma dak li kien stqarr quddiem l-Inkwirenti biex issahhah il-verzjonijiet moghtija minnu u Durward *a tempo vergine* lill-investigaturi u lil Magistrat Inkwirenti?

Certament allegazzjoni li la ssib komfort fil-fatti u wisq anqas mill-buon sens!

e). Fl-ahhar nett l-imputata tissottometti li ma giex osservat l-artikolu 22E tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa l-Artikolu 550(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi

> **550.** (1) Il-proċess verbal magħmul regolarment, jista' jingħata bħala prova fis-smigħ tal-kawża u x-xhieda, il-periti jew persuni oħra li jkunu dehru fl-aċċess jew xehdu matul l-inkjesta Maġisterjali ma jistgħux jinġiebu biex jagħtu xiehda quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti istruttorja matul il-kumpilazzjoni.

Jirrizulta li l-Ispizjar Mario Mifsud esebixxa d-droga mghoddija lilu mill-Ispettur Tabone bhala parti mir-relazzjoni tieghu li tifforma parti mill-process Verbal li gie esebit in atti, **Proces Verbal Nru. 236/13. F'dik ir-relazzjoni jsemmi li l-*envelope* mghoddi lilu nghata l-kodici tal-laboratorju 349/11/01.**

Il-Qorti ezaminat l-**esebit 349/11/01** li anke mill-faccata tal-istess proces verbal jirrizulta li gie *"esebit minn Mario Mifsud flimkien mar-relazzjoni tieghu"*.[130] Gewwa dan l-esebit jinsabu zewg *evidence bags* li f'wahda minnhom jidher distintivament *envelope* zghir kannella mmarkat propju bil-kliem ***"Dok.E"*** li

[130] Fol.33

x'hin thares lejn l-istess envelope, il-kliem *"Dok.E"* jidhru miktuba fuq in-naha l-lemin (*top right facing the holder*).

Kien il-Magistrat Coppini nnifsu li nkariga lill-Ispettur Tabone sabiex jghaddi dan id-dokument lill-espert Mifsud, liema dokument ghall-finijiet tal-inkjesta magisterjali gie mmarkat bhala **'Dok.E'**.[131]

Mifsud issemmi li *"Illi nhar it-13 t'Ottubru tal-2011 l-Esponent gie moghti dokument wiehed mill-Ispettur Frank Tabone fl-Ghassa tar-Rabat Ghawdex"*[132]

L-istess espert jindika li ***"F'din il-borza kien hemm ukoll invilop tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm label bajda bil-kliem "zewg sachets misjubin gewwa hajt tal-kantun bejn il-fiel. Kien Steve stess li sabhom illum 29-6-11 ghad 9.15pm fil-presenza ta' PC1371 u PC883, Signature of Delivery Officer PC1371, Signature of Receiving Officer PC883"***[133]

**Il-Qorti kkonstatat personalment li dawn il-kliem deskritti mill-Ispizjar Mifsud huma mikuba taht il-kliem *"Dok.E"* li jimmarkaw l-istess dokument!**

Kemm PC1371 u PC883 jixhdu li kienu akkumpanjaw lil Durward fil-parkegg ta' Marsalforn u wara tfittxija li saret fil-hajt, kienu instabu dawn il-pakketti:

i). PC1371 Alfred Grech spjega kif kienu xi 9.15pm tad-29 ta' Gunju, 2011, meta Durward, quddiem il-Magistrat Inkwirenti ftakar li kien heba zewg *sachets* li hadhom minghand Oman u wera li kien lest jiddentifika l-mohba. Meta marru fuq il-post mieghu, ***"wara li fittixna ftit fil-hajt kien hu stess illi sabhom dawn iz-zewg sachets u wzajna turnavit biex gbidnihom lura u huwa gharaf li kienu l-istess zewg sachets li hu kien ha minghand Oman."***[134]

ii). PC883 Paul Azzopardi jixhed: *"Morna hemmhekk fuq il-post…hemmhekk eh <u>irrikonoxxa l-post fejn kienu u sibnihom hemmhekk fil-post li semma huwa</u>. Qalli, gol-hajt. Xaqq go hajt."* Dawn kienu jikkonsistu f' *sachets go foil;*[135] Izid li dawn gew elevati w esebiti fl-inkjesta.[136]

iii). Ma tressqet **l-ebda prova li permezz taghha l-Qorti ghandha ghalfejn tiddubita** li d-dokument analizzat mill-espert forensiku kien jikkontjeni is-*sachets* misjuba minn Durward <u>fil-presenza w taht is-sorvelljanza kontinwa</u> tal-

---

131 Fol.78
132 Fol.114
133 Fol.115
134 Fol.75
135 **Dok.E** a fol.78
136 Fol.74

pulizija, u li sussegwentement ghaddiet minn idejn il-Magistrat Coppini, ghall-idejn l-Ispettur Frank Tabone u fl-ahhar nett f'idejn l-Ispizjar Mario Mifsud.

Il-Magistrat Coppini fl-inkjesta jsemmi li s-*sachets* li nstabu fil-parkegg gew mmarkati **"Dok.E"** u ghaddew lill-Ispettur Tabone biex jghaddihom lill-espert forensiku. L-espert forensiku ezamina dokument li kien mmarkat propju bil-kliem **"Dok.E"!**

Altru` li gie ampjament ippruvat li d**-dokument li ezamina l-Ispizjar Mifsud kien l-istess dokument li nstab mill-pulizija, gie esebit fl-inkjesta magisterjali, gie mghoddi mill-Ispettur Tabone lill-ispizjar Mifsud fuq ordni tal-Magistrat Coppini, envelop mmarkat 'Dok.E'!**

iv). Il-proces verbal ta' dik l-inkjesta, **PV Nru. 236/13**, li jikkontjeni ukoll r-rapport bl-esebit analizzat, tal-Ispizjar Mario Mifsud, gie esebit f'dawn il-proceduri.[137] Ghalhekk isib applikazzjoni l-artikolu 550(1) tal-Kodici Kriminali, gja` citat.

Ghaldaqstant ma taqbilx mad-difiza li l-prova ta' dak li nstab mistur gol-hajt fil-parkegg f'Marsalforn, ma giex preservata u/jew esebita f'dawn l-atti skond kif dettat mill-ligi.

Fil-fatt l-artikolu 22E tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta hu kwalifikat bid-dicitura tieghu stess fejn insibu li l-procedura li ghandha tigi addottata ***"kemm jista' jkun possibbli".***[138]

F'dan il-kaz id-droga titqies li giet esebita malli gie esebit il-process verbal relattiv li tieghu kienet esebit. Dik id-droga ghada materjalment esebita in atti. Jirrizulta li l-ispizjar Mifsud, wara li analizza dak li gie mghoddi lilu mill-Ispettur Tabone fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti, rrelata dwaru fl-inkjesta mnedijja w lahaq ipprezenta r-rapport tieghu flimkien mad-dokument li analizza ferm qabel ma nbdiet il-kumpilazzjoni u cioe` fl-24 ta' Settembru, 2013.[139] Fil-fatt l-Ispizjar **Mifsud esebixxa r-rapport tieghu kif ukoll id-dokument li kien gie analizzat minnu sa minn Novembru tal-2011,** kwazi <u>sentejn qabel</u> ma nbdiet il-kumpilazzjoni odjerna. Jirrizulta wkoll li l-process verbal relattiv gie prezentat f'dawn l-atti fit-28 ta' Jannar, 2014,[140] u cioe` sa mit-

[137] Fol.29 et seq.

[138] 22E. (1) Malli jinbdew il-proċedimenti taħt l-artikolu 22, il-mediċina li dwarha persuna tkun akkużata għandha tiġi esebita materjalment fil-qorti, kemm jista' jkun possibbli, u segwita l-proċedura li ġejja.

[139] Fol.2

[140] Fol.29

tieni seduta! Altru` li gie soddisfatt ir-rekwizit li d-droga giet esebita fil-proceduri ***"malli jinbdew il-procedimenti ……..kemm jista' jkun possibbli".***[141]

Kif jixhed is-subartikolu (4) tal-Artikolu 22E citat,[142] il-ligi tirrikjedi li d-droga tigi fotografata sabiex il-Qorti tkun tista' tordni d-distruzzjoni taghha anke qabel ma jigu determinati finalment il-proceduri relattivi. F'dan il-kaz id-droga ghadha esebita in atti taht il-kustodja tar-registratur tal-Qorti u ghalhekk ghada tista' tigi ezaminata fizikament u mhux semplicement permezz ta' ritratti fotografici.

Finalment il-Qorti taghmel riferenza ghas-subartikolu (8) tal-Artikolu 22E tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta:

> (8) In-nuqqas ta' xi kawtela jew formalità msemmija f'dan l-artikolu **ma jkunx ta' impediment li ssir il-prova**, b'kull mod permess bil-liġi, tal-fatti li dwarhom din il-kawtela jew formalità tkun tirreferi.

Ghaldaqstant anke hawn il-Qorti ma tqisx li n-nuqqas ta' evidenza fotografika ghandha timpingi fuq il-valur probatorju tar-rizultanzi tal-Ispizjar Mifsud.

Imiss issa li ssir riferenza ghall-provi saljenti li rrizultaw mix-xhieda prodotta.

**Provi Saljenti**

1. Steve Camilleri jghid li l-imputata tul is-sena li ghamlu flimkien, kienet dejjem mieghu. Minkejja li ibnu kien jghix maghhom u kien jinzel Malta ghall-iskola, ma kien qatt il-kaz li ghal xi hin, qasir kemm hu qasir, l-imputata thalliet wahedha. Dikjarazzjoni li twassal lill-qorti tikkonkludi li kieku minnha, l-unika relazzjoni bejn ix-xhud u l-imputata kienet tkun wahda ta' *stalking, harassment* u skjavitu`!

   Hi l-istess Vella li ssemmi li Galea kien jghaddi ghandha biex jaqdiha, izda ghalkemm Steve Camilleri dejjem kien ikakkmat maghha, ma jsemmi xejn minn dan. U wara kollox jekk dejjem kien hemm hu maghha, ghaliex kellu joqghod jintriga Galea biex jaqdiha? U x'qaghdi kien dan, u ghal liema bzonnijiet tirreferi, jibqa' ukoll mhux maghruf.

---

141 22E. (1) Malli jinbdew il-proċedimenti taħt l-artikolu 22, il-mediċina li dwarha persuna tkun akkużata għandha tiġi esebita materjalment fil-qorti, kemm jista' jkun possibbli, u segwita l-proċedura li ġejja.
142 (4) Il-qorti, meta tkun sodisfatta b'dak ir-rapport jew b'dawk ir-rapporti għandha tgħaddi biex il-mediċina, barra mill-kampjuni,tiġi distrutta taħt is-sorveljanza tagħha u tagħmel proċess verbal.

2. Jethro Camilleri jghid li l-imputata kienet tissuplixxi d-droga lil Oman mhux ghax qatt raha hu, izda ghax hekk kien qallu Oman. Semma wkoll li Galea qallu li l-imputata kienet itieh pakkett eroina b'xejn kuljum, u kien jitla' maghha Malta biex igibu droga ghas-suq Ghawdxi.[143]Kull ma jaf hu personalment hu li Oman kien ikun ta' spiss fil-kumpanija taghha fejn anke rah fil-vettura maghha madwar hmistax qabel ma miet. Ghaldaqstant rigward dawn il-fatti, dak li jistqarr Camilleri ma jaghmilx prova ghaliex jikkostitwixxi *hearsay evidence.*

   Dak li hu ammissibbli izda hu l-fatt li Galea ghamel dikarazzjoni simili ma Jethro. Issa kif mhux kkontestat, kien ihobb lill-imputata bhala omm; Vella stess tikkonfermah dan.

   **Ghaliex mela kellu jghid hekk dwarha? Jakkuza b'reat tant serju, hi li kienet gja` daqghet l-inkarcerazzjoni?**

3. Jethro Camilleri jixhed li Vella ma kienitx estraneja ghad-dinja tat-traffikar fid-drogi! Meta kien jixtri d-droga minghand il-Leslies, l-imputata kienet tkun mieghu; cirkostanza li ghalkemm ma tippruvax li kienet hi li kienet qed tmexxi d-droga, madanakollu ma ddejqet xejn tkun prezenti ghan-negozju tant qerriedi!

   Isemmi, *"jiena ghamilt zmien nixtri d-droga minghand il-partner li kellha qabel din Connie. Dan kellu laqam il-Leslies…dik il-habta Connie kienet tkun mieghu meta dan kien ibieghli d-droga* ***…****.kont immur m'ghand dan il-persuna, Joseph Bajada, u* ***hi kienet tkun hemm****hekk".*[144]

4. Aktar rilevanti u t'importanza kbira ai fini ta' dawn il-proceduri, hi d-dikjarazzjoni ta' Camilleri maghmula fl-istqarrija li sussegwentemnt gie kkonfermat quddiem Magistrat, li **hu nqeghda personalment minghand l-imputata ghall-habta ta' Gunju, Lulju, 2009:**

   *"****darba ukoll kont tac-Cawla li giet taqdini hi, quddiem il-hanut****[145]****… ilu ilu sentejn****, …..qisu ghal Gunju, Lulju…..mhux tas-sena l-ohra, ta' qabel [2009]….ehe".*[146] Kien ihallasha €20 ghall-pakkett ta' eroina.[147]

143 Fol.55
144 Fol.57
145 Fol.57
146 Fol.58
147 Fol.58

5. Jigi sottolinejat li fix-xhieda taghha moghtija f'Novembru, 2009,[148] quddiem il-Magistrat Dr. Anthony Ellul, din issemmi kif harget mill-Habs f'Mejju, 2009 u kienet baqghet f'relazzjoni mal-Leslies peress li kienet tibza minnu ghax kien issawwatha.[149]

   Ghalhekk ghandu mis-sewwa w hu kkoroborat mill-imputata nfisha dak li jiddikjara Jethro Camilleri meta jghid li kien **f'Gunju, Lulju, 2009 li kien jinqeghda ghall-eroina minghand il-Leslies u minghand l-imputata direttament.** Mhux talli l-Leslies kien il-habs (kif tipprova tallega <u>minghajr ma tressaq xi prova fir-rigward</u> id-difiza meta taghmel domanda f'dan is-sens lill-istess Camilleri), izda kemm il-Leslies kif ukoll Maria Concetta kienu t-tnejn igawdu mill-liberta` mehtiega li ppermettilhom jissoktaw bin-negozju tat-traffikar ta' droga fiz-zmien li jissemma' minn Camilleri.

6. Parentesi zghira dwar il-kreddibilita` tal-imputata. Meta tixhed issemmi kif il-Leslies kien issawwatha. Kien ibiegh id-droga w ssagrifikat familtha biex tibqa' mieghu. L-istess Vella anke rigward Steve Camilleri tallega li kien issawwatha: *"Issa, imbagħad billi kont ngħix ma' Steve Camilleri, kien iħobb jerfa' idejh Steve Camilleri fuqi."*.[150]

   Possibbli li wara l-esperjenza mal-Leslies ghazlet li tibqa f'relazzjoni ma bniedem li ukoll kien isawwatha? Kif wasslet taghmel stqarrija kontra il-Leslies dwar traffikar ta' droga, piena li ggib l-ghomor il-habs, possibbli li jekk dan kien minnu, ma wasslietx tirraporta lil Steve Camilleri lill-pulizija?

7. L-istess Jethro Camilleri hu riluttantissimu milli jixhed *viva voce*, kuntrarjament ghal dak li sehh quddiem il-Magistrat Coppini meta <u>ma kienx hemm prezenti l-imputata</u>.

   Din il-Qorti stess setghet tikkonstata l-biza' tax-xhud meta gie mitlub jispjega dak li kien gja` stqarr quddiem l-Inkwirenti. Fil-fatt Camilleri, pressat biex jghid is-sewwa, u meta din il-Qorti kellha tkun hi biex, meta dan kien qed jigi mistoqsi dwar l-imputata w dak li ddikjara dwarha fil-kors tal-inkjesta, twaqqfu milli jibqa' jixhet harstu lejn l-imputata li l-hin kollu bdiet tinterrompi x-xhieda tieghu. Jethro jghid: *"Inti taħseb li jekk jiena nsemmi xi affarijiet mhux ser tiġi kontrija bħalma diġà qed jiġri l-kliem ġo Għawdex. Le! Jien għandi familja……[Il-Qorti: Qed tibża' għalhekk jaqaw.]Ix-xhud: Jiena għandi familja….. X'inhi l-verità? li tinxteħet fuq dan Joseph*

---

[148] Fol.202

[149]149 Fol.205 u fol.208 *"sahansitra llum tajtu il-karozza tieghi biex imur il-Qorti. Mur ittijilux"*.

[150] Fol. 5 tax-xhieda taghha

*Bajada?... U l-istorja ħa tikber!".*[151] Iktar il-quddiem il-biza tax-xhud tkompli tohrog fil-berah: ***"Jien ma nafx qattx semmejt ismijiet imma <u>mhiniex lest li se nerġa' nsemmihom……..</u>*** *[Qorti: Le, ħa ngħidlek, inti toqgħodx tinkwieta]* ***U x'ma ninkwetax! U jien xħin noħrog minn hawn hekk ninkwieta, Sinjura, bir-rispett kollu, xħin noħroġ minn hawnhekk".***[152]

Izda wara li Vella titkecca mill-awla, jammetti li*: "Kien hemm ħafna nies li kont ninqeda…. Li kienet ma' nies, iva… Kienet tkun ma' nies, iva…… [Dr Angele Formosa: Joseph Bajada il-Leslies.] Ix-xhud: Mingħandu, iva, kont ninqeda ovvjament, f**k it!".* Jghid li **Connie kienet tkun mieghu meta kien jinqeghda minghandu: *"Gieli, probabbli".***[153]

Ghalhekk il-Qorti ma ghandhiex is-serhan il-mohh li meta Camilleri jixhed *viva voce* dan kien qed ikun veritjier. **Il-biza li nhakkem minnha diversi drabi, kienet wahda palpabbli!**

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha **Il-Pulizja Spettur vs Jeffrey Zammit:**[154]

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur taddisposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."**

Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

**"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi." Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija**

[151] Fol.350
[152] Fol.356
[153] Fol.351
[154] Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima; Appell Nru: 142 / 2017; Deciza 26 t'Ottubru, 2017

**sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah pre-trial stage), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din irregola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi. Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings."[155]**

8. L-atteggjament tax-xhud, il-memorja selettiva tieghu meta jixhed *viva voce,* ir-riluttanza w ezitazzjoni murija minnu fil-kors tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, **jwasslu lill-Qorti biex taghzel li tistrieh fuq dak li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Hi dik il-verzjoni li ghandha mis-sewwa w l-ebda verzjoni ohra ma tgawdi minn dik il-kredibbilita`.**

9. Ghalhekk mix-xhieda ta' Jethro, l-Qorti tiddetermina sal-grad rikjest **li l-imputata fl-<u>2009</u> kienet tittraffika d-droga hi direttament**, tant li kien inqeghda minghandha.

10. Fis-sottomissjonijiet orali taghha l-abbli difiza issemmi li ma tistax tinstab htija ghal dan galadarba l-imputazzjoni li tirreferi biss *"ghax-xahar ta' Gunju, 2011 u fiz-zmien ta' qabel".*[156]

    Bla ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jista' jinghad li l-frazi "fiz-<u>zmien ta' qabel"</u> ma tkoprix l-2009. Mhemmx dubbju li **s-sena 2009 taqa' fil-parametri taz-zmien ta' qabel l-2011**! Kien ikun ferm differenti kieku l-imputazzjoni ghamlet riferenza cirkoskritta ghax-xhur jew ghall-gimghat ta' qabel.

11. Durward jikkonferma wkoll li Galea kien jiffrekwenta lill-imputata. Issemmi kif ra lill-imputata tghaddi droga lil Galea f'zewg okkazzjonijiet, u kien avvicinaha w wisseha tieqaf izda din, *"she said "Oman won't back*

---

155 **Il-Pulizija vs Pierre Gravina** – deciza 26/05/2003
156 Fol.1

*your story up". That's what she said to me***.... She laughed at me*** *because she said Oman would not back my story up."*[157] Darba ohra jghid li *"There was no denials, there was no …No denials. No.* ***There was no denial, there was no …"***.[158]

Tenut kont li din l-allegazzjoni saret minn persuna li ma kienx xi strangier ghaliha, li tirrigwarda lil dak li kien iqisha bhala ommu, jghajtilha *"mum"*, il-buon sens u l-logika jiddettaw li r-rejazzjoni kellha tkun wahda differenti.

Wiehed kien jistenna li minn tal-inqas Vella tichad dan b'mod kategoriku. Titlob spjegazzjoni ghal tali allegazzjoni tant serja. Taqbad u tikkonfronta lil Galea ma Durward u taghmel minn kollox biex ixxejjen tali suspett u mhux tinfaqa tidhak!

Akkuza bhal din, meta hi kienet gja` daqet il-habs fuq sejbien ta' htija ghall-reati identici f'hames okkazzjonijiet precedenti sa mill-1990[159], kellha tohloq fiha paniku w biza'. Izda xejn minn dan. L-attitudini taghha tizvela bniedma *safe in the knowledge* li ma kienitx ser tinkixef minn dak li tant kien ihobha w jistmaha!

12. Durward jiddeskrivi l-ahhar darba li ra lil Oman jilqa' ghandu minghand l-imputata zewg pakketti kien **madwar tlett gimghat qabel ma sehhet il-mewt ta' Galea**.

13. Din id-dikjarazzjoni wasslet lill-pulizija jinzlu fuq il-post mal-istess Durward fejn instabu il-pakketi li minn ezamijiet forensici rrizultaw li kienu jikkontjenu **0.24grammi eroina ta' purita ta' 18.7%.**[160] Kellu ragun mela Durward jghid dak li stqarr mal-pulizija w sussegwentement kkonferma b'gurament quddiem il-Magistrat Coppini!

14. Meta Durward jigi pressat mill-Qorti dwar dak li wasslu biex jiddikjara li l-imputata ghaddiet pakketti ta' *foil* lil Galea u cioe` fl-okkazzjoni li sehhet madwar tlett gimghat qabel il-mewt ta' Galea gewwa l-parkegg f'Marsalforn, **jaghti dettalji li ma jhallu l-ebda dubbju li dak li ra kien lill-imputata tghaddi drogi lil Galea u mhux bil-kontra.** Hu sinifikanti wkoll li appena semma' dan il-fatt, il-pulizija taht id-direzzjoni tal-Magistrat Inkwirenti ordnat perkwizzizjoni fil-parkegg bl-assistenza ta'

[157] Fol.66
[158] Fol.379
[159] Vide fedina penali aggornata a fol.308-314
[160] Fol.117

Durward. Meta nstabu il-pakketti propja kif inghad ordnat li jigu analizzati u nstab li dawn kienu zewg pakketti bi tracci ta' eroina fl-ammont ta' 0.24 grammi ta' purita ta' 18.7%.[161] Ammonti li certament joqghodu liberament go pala tal-id!

Il-Qorti tistaqsi: **Kif jista' jkun li Galea ghadda hu d-droga lill-imputata meta din ma nstabietx ghandha izda fuq Galea li ghaddiha lil Durward hekk kif irritorna d-dar tal-istess Durward**? Hu hawn fejn id-dubbji ta' Durward mhux fondati la fuq fatti u wisq anqas fuq is-sens komun. Ma jridx jintnesa li **kien l-istess Durward li kkonfronta lil Galea meta dan urieh il-pakketti, hadhomlu w hareg u hbiehom go hajt; mohba li kienet ghadha intatta saz-zmien tal-inkjesta.** Galea li tant kien ihobb lil Connie qatt ma kien ser jinvolviha, ghalhekk innega li kienet hi li taghthomlu!

Duward jiddeskrivi l-ghemil u l-azzjonijiet ta' Galea hekk kif kien madwar zewg metri l-boghod u lemhu mat-tieqa tal-vettura tal-imputata, jilqa' dawn il-pakketti **fil-pala miftuha ta' idejh!** Jaghti dettall iehor important li ma ssemmiex qabel ***"Obviously, he closed it [the open palm]….yes he closed it…then walked away….****I didn't see an exchange, the actual exchange of money…..****[the foil] It was already in Oman's hand….Obviously, he closed it …yes, he closed it…Then walked away".***[162]

Ikompli jiddeskrivi l-azzjoni li ra lil Galea jaghmel:

***"…….The Court: You made a very distinctive, pulling away that is closing his arms and pulling away.***
***The witness: Yes.***
***The Court: Here the witness is indicating the arm positioned in right angles closing the fist and moving away.".***[163]

Tenut kont li dawn l-istess pakketti gew mghoddija lil Durward minn Oman Galea, mumenti wara meta dan irritorna d-dar ghand Durward, ma jista' jkun hemm ebda dubbju li **Galea ircieva d-droga minghand l-imputata.**

Ix-xena li Durward ra issehh quddiem ghajnejh tlett gimghat biss qabel il-mewt ta' Galea fis-27 ta' Gunju, 2011, gie kkoroborat bil-fatt li Galea ghaddielu zewg pakketti tal-*foil* li hu rah jircievi meta kien mat-tieqa tal-

161 Fol.115
162 Ibid.
163 Fol.361-363

vettura ta' Maria Concetta Vella, li tridna nemmnu li tul hajjitha u minkejja li tghix Marsalforn qatt ma ressqet lejn il-parkegg tal-l-istess lokalita`!

Ghalhekk l-okkazzjonijiet li fihom hemm provi **cjari w inekwivokabbli** li l-imputata traffikat id-drogi, kienu darbtejn:

(i) f' Gunju/Lulju, 2009 kif jixhed Camilleri meta xtara droga minghandha; u
(ii) xi tlett gimghat qabel ma nstab mejjet Galea (fis-27 ta' Gunju, 2011) meta Durward raha tghaddi droga lil Oman.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ampjament ippruvat il-kaz taghha mhux biss permezz ta' xhieda okulari u diretta (Jethro) izda anke din cirkostanzjali meta wara li Durward raha movimenti suspettuzi bejn Galea u Vella fil-parkegg ta' Marsalforn, meta talab lil Galea jghaddilu dak li kellu fuqu dan effettivament tah pakketti li rrizulta li kien fihom eroina, sustanza li Vella ma kienitx estraneja ghaliha kif jirrizulta, *inter alia*, mill-fedina penali taghha u l-istqarrija guramentata taghha.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** [164] ddecidiet:

> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda ....... biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. [sottolinejar tal-Qorti][165]

Fuq l-insenjament li saret riferenza ampja ghalih u fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, fejn il-provi indizzjarji mehuda fl-assjem taghhom huma tassew univoci w jwasslu lil din il-Qorti ghal dik ic-certezza morali li l-imputata w l-imputata biss traffikat d-droga erojina lil Oman Galea u Jethro Camilleri.

---

[164] Per Onor Imhallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella; Deciza 5 ta' Lulju, 2002.

[165] Vide ukoll mill-istess Qorti per Onor. Profs. H. Harding, Onor. Imhallef Joseph A. Herrera u Onor. Imhallef Carmel A. Agius, **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada; Deciza 15 ta' Mejju, 1990:** ***L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci.***

**Recidiva**

L-ispettur Fenech esebixxa sentenzi datati 18 ta' Lulju, 2008,[166] u 18 ta' Settembru, 2009,[167] moghtija fil-konfront tal-imputata. F'dawn is-sentenzi jirrizultaw il-konnotati tal-imputata.

Ghalhekk anke l-addebitu tar-recidiva gie soddisfacentement ippruvat.

**Piena**

Illi dwar il-piena l-Qorti qiset in-natura serjissima tar-reat addebitat bih l-imputata, tal-fedina penali mtappna taghha minn fejn jirrizulta li l-imputata nstabet hatja ta' traffikar ta' eroina xejn anqas minn f'hames okkazzjonijiet u cioe` fl-1990, fl-2005, fl-2008, fl-2009 u fl-2011.[168] Ittiehed konsiderazzjoni tal-fatt li dan il-kaz jirrisali ghal 2011 u z-zmien ta' qabel, f'liema zmien, l-okkazzjonijiet li fihom hemm provi cjari w inekwivokabbli li l-imputata traffikat id-drogi, kienu biss darbtejn.

Madanakollu jibqa' l-fatt li r-reat li dwaru qed tinstab htija hu reat li qed iwassal ghall-rovina ta' numru ta' persuni li ma jafx bla limiti, mhux biss ta' dawk li jikkonsmaw il-prodott traffikat izda anke ghall-familji taghhom. Reat li jisfrutta l-iktar dghajjef, partikolarment iz-zghazagh. Ir-rovina ta' hafna tfisser profit u qliegh ta' flus ghal wahdiet. Il-Qorti ghandha dover tipproteggi lis-socjeta` minn ghemil simili; socjeta` li ma tistenna xejn inqas minnha.

Issir riferenza ghall-konsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha I**l-Pulizija vs Anthony Cassar et**:[169]

> Illi l-piena erogata trid tkun tali illi taghmel gustizzja u li tfittex li tohloq bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u c-cirkostanzi attenwanti li jista' jkun hemm. Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena bhala:
>
> **(a) the punishment of offenders**
> **(b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence)**
> **(c) the reform and rehabilitation of offenders**
> **(d) the protection of the public**
> **(e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.**

---

166 **Dok.JF2** a fol.20 et seq.
167 **Dok.JF3** a fol. 25 et seq.
168 Fol.308 et seq.
169 Per Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.; Dec.3 ta' Lulju, 2020; Appell Numru: 113/2014

Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna kkundannata izda ghandu jara illi jhares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u s-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel.

Hu veru ukoll dak li qal l-insinji Leo Page fil-ktieb tieghu, The Problem of Punishment, fis-sens li –

**' …. The selection of the best treatment of an offender is a much more difficult problem than the question of his guilt.'**

**Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**

**'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**

**Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**

**'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'[Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino]".**

## Decide

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u t-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939, L.S.101.02), issib l-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha w tikkundannaha **sentejn (2) prigunerija** w multa ta' tlett elef ewro **(€3,000).**

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' **€512.17** rapprezentanti spejjez peritali.[170]

---

[170] Huma biss l-ispejjez relattati mal-ezamijiet forensici li saru fuq il-pakketti ta' foil li nstabu mill-pulizija fil-presenza ta' Durward li jista' jsib applikazzjoni dan l-artikolu. L-ispejjez kollha l-ohra kienu spejjez li kienu jittrattaw il-mewt ta' Galea li bl-ebda mod ma qed tigi attribiwta lill-imputata.

Finalment tordna **d-distruzzjoni tad-droga** esebita fl-inkjesta,[171] hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[171] **Dok. E** (fol.78) li nghata l-Kodici tal-Laboratorju 349/11/01 (fol.114-115)